

Brussell, 10 ta' Diċembru 2021  
(OR. en)

---

---

**Fajls Interistituzzjonali:**  
**2021/0402(COD)**  
**2021/0402(NLE)**

---

---

14744/21  
ADD 2

EDUC 413  
JEUN 157  
SOC 733  
EMPL 551  
DIGIT 188  
COMPET 904  
RECH 561

#### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Diċembru 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 770 final
Suġġett:	ANNESS tal- Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għall-apprendiment tul il-ħajja u għall-impjegabbiltà

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 770 final.

Mehmuż: COM(2021) 770 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 10.12.2021  
COM(2021) 770 final

ANNEX 1

**ANNEX**

*tal-*

**Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill**

**dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għall-apprendiment tul il-ħajja u għall-impjegabbiltà**

{SWD(2021) 367 final}

## ANNEX I

### Elementi standard tal-Unjoni li jiddeskrivu mikro kredenzjal

Dan l-anness jinkludi lista ta' elementi standard tal-Unjoni li jiddeskrivu l-mikrokredenzjali li jistgħu jintużaw bħala rizers li jappoġġa l-implimentazzjoni.

Elementi obligatorji:	Identifikazzjoni tal-istudent
	Titolu tal-mikrokredenzjal
	Pajjiż/Reġjun tal-emittent
	Korp li jagħti l-kwalifika
	Data tal-ħruġ
	Eżiti tal-apprendiment
	L-ammont ta' xogħol nozzjonali meħtieġ biex jinkisbu l-eżiti ta' apprendiment (espress fi krediti tal-ECTS, kull fejn possibbli)
	Livell (u ċiklu, jekk applikabbli) tal-esperjenza ta' apprendiment li twassal għall-mikrokredenzjal (QEK, QF-EHEA), jekk applikabbli
	Tip ta' valutazzjoni
	Forma ta' parteċipazzjoni fl-attività ta' apprendiment
	Tip ta' assigurazzjoni tal-kwalità użata biex tinfed il-mikrokredenzjal
Elementi fakultattivi, fejn rilevanti (lista mhux eżawrjenti)	Prerekwiżiti meħtieġa biex wieħed jirreġistra fl-attività ta' apprendiment
	Superviżjoni u verifika tal-identità matul il-valutazzjoni (mingħajr superviżjoni u mingħajr verifika tal-identità, bis-superviżjoni mingħajr verifika tal-identità, bis-superviżjoni online jew fuq il-post, b' verifika tal-identità)
	Grad miksub
	Opzjonijiet ta' integrazzjoni/ ta' kumulabbiltà (mikrokredenzjal awtonomu, indipendenti/integrat, kumulabbli għal ma' kredenzjal ieħor)
	Aktar informazzjoni

Dawn l-elementi standard se jiddaħħlu f' mudell tad-*data* tal-Unjoni<sup>1</sup> li jispeċifika format komuni għad-deskrizzjoni tal-mikrokredenzjali. Il-mudell tad-*data* se jkun disponibbli bħala standard miftuħ li jrid jintuża mill-fornituri tal-mikrokredenzjali u li se jappoġġa l-interoperabbiltà u skambju eħfef tad-*data* dwar il-mikrokredenzjali.

Il-Kummissjoni se tiżviluppa l-mudell tad-*data* msejjes fuq l-elementi ta' standard komuni elenkati hawn taħt. Se tiżviluppa dan il-mudell tad-*data*: (i) b'konsultazzjoni mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati; (ii) bi qbil mal-ħtiġijiet tal-utenti u l-avvanzi teknoloġiċi; (iii) bi qbil mal-bidliet fis-swieq tax-xogħol; u (iv) bi qbil mal-approċċi eżistenti għall-għoti ta' edukazzjoni u taħriġ. Dan il-mudell tad-*data* jrid jappoġġa l-konsistenza tal-informazzjoni u juri valur miżjud ċar. Il-mudell tad-*data* għall-mikrokredenzjali se jiġi ggovernat skont id-Deċizzjoni Europass, b' mod partikolari l-Artikoli 6(1)(b), 6(1)(d), u 6(2)(b), li diġà jirrikjedi li l-Kummissjoni tiżviluppa, tittestja u taġġorna l-istandards miftuħa.

---

<sup>1</sup> Il-mudelli tad-*data* huma rappreżentazzjonijiet grafiċi u/jew lessiċi tad-*data*, li jispeċifikaw il-proprietajiet, l-istruttura u l-interrelazzjonijiet tagħhom. Jintużaw bħala standards miftuħa, bla ħlas, trasparenti, u mibnija abbażi ta' kunsens.